

Il-Ġurnal Uffiċjali C 251 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

21 ta' Ottubru 2009

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet

OPINJONIJIET

Il-Kummissjoni

2009/C 251/01	Opinjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Chooz-B, fi Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom	1
---------------	---	---

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni

2009/C 251/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
---------------	--------------------------------	---

V Avviżi

PROċEDURI GĦALL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni

2009/C 251/03	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5653 – GDA/Furukawa-Sky/Mitsui/JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	3
2009/C 251/04	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5662 – NIBC/ABN AMRO Fund/MID Ocean Group) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	4



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Ottubru 2009

dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Chooz-B, fi Franza,
skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom

(it-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2009/C 251/01)

Fl-20 ta' April 2009, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern ta' Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, Dejta Ġenerali dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Chooz-B.

Abbażi ta' din id-dejta, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanzi bejn l-impjant nukleari u l-eqreb Stati Membri huma: 3,5 km fil-każ tal-Belġu, 70 km fil-każ tal-Lussemburgu, 95 km fil-każ tal-Ġermanja, 97 km fil-każ tal-Olanda u 270 km fil-każ tar-Renju Unit.
2. Il-modifiki ppjanati sejrin jinvolu tnaqqis kumplessiv fil-limiti għall-iskariki ta' gass u likwidu, għajr għall-iskariki tat-tritium fil-forma ta' likwidu, li huma previsti li jiżdiedu.
3. Fkundizzjonijiet ta' operat normali, il-modifiki ppjanati mħumiex se jikkawżaw esponenti li jista' jaffettwa s-sahħha tal-popolazzjoni fi Stati Membri oħra.
4. Fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati ta' tnixxijiet radjuattivi li jistgħu jirriżultaw minn aċċident tat-tip u l-livell ta' serjetà meqjusa fid-Dejta Ġenerali oriġinali, il-modifiki ppjanati fis-sistema ta' ġestjoni tal-fjuwil ma għandhomx jaffettwaw is-sahħha tal-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor.

Madankollu, fil-każ li jseħħ xi aċċident aktar serju, id-dożi li jaslu fil-popolazzjoni jistgħu jilhqqu livelli li jirrikjedu t-teħid ta' kontramiżuri mill-awtoritajiet kompetenti. Minħabba li t-territorju Belġjan jinstab tant qrib, id-dejta speċifika neċċessarja għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-popolazzjoni għandha tasal għand l-awtoritajiet rilevanti tal-Belġu kmieni u bl-istess dettall daqs kemm tasal għand l-awtoritajiet Franċiżi. Il-Kummissjoni tinnota li fit-8 ta' Settembru 1998, il-gvernijiet ta' Franza u tal-Belġu ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali speċifiku għas-sit, u b'hekk kisbu l-konformità meħtieġa skont ir-rakkomandazzjoni li saret f'dan ir-rigward fl-Opinjoni inizjali tal-Kummissjoni tal-1994.

B'konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-implimentazzjoni tal-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Chooz-B, fi Franza, kemm fl-operat normali kif ukoll fil-każ ta' inċident tat-tip u l-livell ta' serjetà meqjusa fid-Dejta Ġenerali, mhux mistenni li tirriżulta fit-tnejġi radjuattiv tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-atmosfera ta' Stat Membru ieħor.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI

Rata tal-kambju tal-euro (¹)**L-20 ta' Ottubru 2009**

(2009/C 251/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,4971	AUD	Dollaru Awstraljan	1,6121
JPY	Yen Ġappuniż	135,53	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5443
DKK	Krona Daniża	7,4436	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	11,6025
GBP	Lira Sterlina	0,91170	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,9835
SEK	Krona Żvediża	10,3690	SGD	Dollaru tas-Singapor	2,0814
CHF	Frank Żvizzeru	1,5121	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 745,29
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,9606
NOK	Krona Norveġiża	8,3225	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	10,2200
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,2230
CZK	Krona Ċeka	25,718	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 065,91
EEK	Krona Estonia	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	5,0370
HUF	Forint Ungeriż	264,59	PHP	Peso Filippin	69,880
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	43,6390
LVL	Lats Latvjan	0,7078	THB	Baht Tajlandiż	50,018
PLN	Zloty Pollakk	4,1560	BRL	Real Brażiljan	2,6012
RON	Leu Rumen	4,2925	MXN	Peso Messikan	19,2153
TRY	Lira Turka	2,1757	INR	Rupi Indjan	69,0390

^(¹) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5653 – GDA/Furukawa-Sky/Mitsui/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 251/03)

1. Fit-13 ta' Ottubru 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha Guangdong Dongyangguang Aluminum Co., Ltd. ("GDA", parti minn Shenzhen Dongyangguang Group, China), Furukawa-Sky Aluminum Corp ("FSA", il-Ġappun), u Mitsui & Co Ltd ("Mitsui", Japan) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' Ruyuan Dongyangguang Fine Aluminum Foil Co., Ltd u ta' Shaoguan Yangzhiguang Aluminum Foil Co., Ltd (flimkien "JV", iċ-Ċina), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- GDA: l-irfinar tal-aluminju u l-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tal-aluminju *flat rolled*, kif ukoll ta' folja tal-aluminju,
- FSA: il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tal-aluminju *flat rolled*, prodotti tal-aluminju iffurmati, kif ukoll prodotti tal-aluminju bil-forġa,
- Mitsui: dar ta' kummerċ involuta f'għadd ta' negozji ta' prodotti u negozju ieħor, inkluż il-bejgħ u x-xiri ta' diversi prodotti tal-aluminju *flat rolled* u iffurmati,
- JV: il-manifattura ta' folja tal-aluminju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħbi ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħbi il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5653 – GDA/Furukawa-Sky/Mitsui/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

(²) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.5662 – NIBC/ABN AMRO Fund/MID Ocean Group)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 251/04)

1. Fid-9 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li biha l-impriżi NIBC MBF IB B.V., li hija parti minn NIBC Group ("NIBC", l-Olanda) u ABN AMRO Participaties Fund I B.V., li hija parti minn ABN AMRO Group ("ABN AMRO", l-Olanda), jakkwistaw, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' MID Ocean Group B.V. u s-sussidjarji tagħha ("MOG", l-Olanda).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal NIBC and ABN AMRO, investimenti ta' ekwidà privata,
- għal MOG, is-sejba u l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' rigali tan-negożju u primjums.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq'a fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5662 – NIBC/ABN AMRO Fund/MID Ocean Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa ufficijali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa ufficijali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Ufficijali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa ufficijali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja:
bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fissa għal kull każ

L-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, li joħroġ fil-lingwi ufficijali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblifikat fil-Ġurnal Ufficijali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnal Ufficijali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Ufficijali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika ufficijali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikuesta, l-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Ufficijali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-publikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Ufficċċu tal-Publikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

